# Il-Fontana ta' Tfuliti

- Dr Mario Saliba -

Ser nitkellem dwar il-Fontana ta' erbgħin sena ilu. Kulħadd kien jirreferi għall-parroċċa bħala t-Triq tal-Għajn, għax bażikament il-lokalità' kollha kienet tikkonsisti minn triq waħda b'dak l-isem. It-triq l-Isptar San Giljan konna nafuha bħal it-triq ta' taħt u t-triq l-oħra li kienet tgħaqqad it-triq tal-Għajn ma' triq Santa Dminka kienet magħrufa bħala t-triq il-ġdida. Din kienet dik li llum hija triq il-Kappillan Ġużepp Hili li kien l-ewwel kappillan (1911 – 1937). It-toroq l-oħra, bħal Triq il-Qalb ta' Ġesu' ta' ħdejn it-Tomba, Triq San Martin, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi u Triq il-Gvernatur Sir Gaspard Le Marchant li jinsabu lejn in-naħa ta' Santa Dminka, ma kinux jeżistu. L-istess nistgħu ngħidu għal Triq is-Sajjieda u Triq ta' Mulejja ta' wara l-knisja. Dawn il-positijiet kienu għelieqi fejn konna nilagħbu.



## *Xi logħob ta' żmieni*

Dawn l-inħawi ta' wara l-knisja kienu l-post li l-iktar kont niffrekwenta meta ma kontx inkun l-iskola. Hemm flimkien ma' sħabi kont inqatta' l-ħin nilgħab il-partita li kienet tikkonsisti minn nofs tużżana ċagħak (li kienu flok il-boċċi li jintużaw illum) ta' daqs ta' larinġa miżbugħa kulur u nofs tużżana oħra tal-istess daqs mużbugħin kulur ieħor. Ma' dawn kien ikun hemm il-likk li kienet ċagħka ta' daqs iżgħar li kienet titwaddab 'il bogħod. Konna ninqasmu tims ta' żewġ jew wieħed kontra wieħed u l-logħba kienet tikkonsisti min l-iktar iqarreb il-boċċa tiegħu lejn il-likk. Naturalment xi drabi ikun hemm bżonn li l-boċċa (ċagħka fil-każ tagħna) tkun trid titneħħa billi tkun garata boċċa oħra immirata lejha. Logħba oħra tipika kienet tikkonsisti filli ninqasmu f'żewġ gruppi, grupp wieħed kien jagħmilha ta' ħallelin u l-grupp l-ieħor ta' pulizija. Naturalment kull grupp kellu l-kap tiegħu li dejjem kien xi ħadd li kien juri sinjali ta' tmexxija sa minn meta kien għadu żgħir, għalkemm b'xorti ħażina ħadd minna ma użu dawn il-kapaċitajiet iktar 'il quddiem f'ħajtu! Aħna ovvjament kellna noqogħdu għall-ordnijiet tiegħu. Ħafna drabi dan mhux kapaċitajiet ta' kap kien jkollu, imma kien ikun l-aqwa *bully* tar-raħal. Kien ikun kapaċi jiddomina lil kulħadd u l-logħba tieħu l-andament li kien irid hu. Illum nista' ngħid li dak iż-żmien jien ukoll xi kultant kont inkun il-vittma. Xi ftit ilu ltqajt ma' wieħed minn ħbiebi tat-tfulija li kont ilni ma narah għal snin twal għax kien ilu imsiefer madwar tletin sena. Meta konna nitkellmu qalli: "Tiftakar meta irbatniek ma' siġra taparsi priġunier? "Għidtlu." Dażgur li niftakar!"

## *Xi familji popolari*

Fil-Fontana, peress li l-bajja tax-Xlendi hija fil-qrib, minn dejjem kien hawn numru ta' sajjieda u għalhekk waħda mit-toroq ġodda kienet imsemmija Triq is-Sajjieda. Il-familji kienu magħrufa bil-laqam tagħhom. Fost l-iktar familji magħrufa fil-Fontana niftakar tajjeb lil ta' Barnuża, t'Anni, ta' Majru, ta' Ħaxwex, tal-Faragus u ta' Milħa, li kollha kienu sajjieda. Minn dawn il-familji ħarġu sajjieda gwappi. Hija ħasra li llum ma tantx baqa' sajjieda fil-Fontana. Jiena kont midħla ta' dawn is-sajjieda peress li fis-sajf kont dejjem ix-Xlendi. Imbagħad kien hemm numru ta' familji bdiewa li jew kienu jrabbu l-bhejjem jew kienu jaħdmu r-raba'. Fost dawn niktakar lil ta' Borġ li barra baqar dejjem kien ikollhom xi żiemel tat-tiġrija u ta' Fakond li kellhom merħla baqar mhux ħażin. Dawn tal-aħħar baqgħu b'dan ix-xogħol u llum kabbru u immodernizzaw il-farm tagħhom skont il-liġijiet ewropej. Fix-xitwa l-logħob tagħna kien ikun f'xi għalqa wara l-knisja, fejn ta' Fokond kien irabbi l-baqar, iżda llum sar post abitat min-nies ta' Triq ta' Mulejja u l-baqar spiċċaw marru f'post ieħor.



## *Subborg tar-Rabat*

Bħala subborg tar-Rabat diversi familji sabu ruħhom il-Fontana mhux għax kienu mill-Fontana imma konvenjentament spiċċaw jgħixu fil-Fontana għax huwa qrib ir-Rabat. Kien inbena blokk ta' flettijiet minn Mary Mejlak, il-poetessa Għawdxija, fit-triq

il-ġdida li fih kien hemm numru ta' nies mhux mill-Fontana. Illum, wara sittin sena, dan il-fenomenu reġa' rrepeta ruħu u faċċata ta' dawn il-flettijiet qodma ttella' blokk modern ta' appartamenti, fil-post li kien jissejjaħ ta' Bieb il-Għajn. Min jaf kemm konna niġru fil-għelieqi fejn illum jinsabu dawn l-appartamenti!

***Inċident gravi***

Niftakar inċident fejn kuġinuwi kien weġġa' gravi bi splużjoni ta' bomba. Jum minnhom il-kuġin kien ma' xi oħrajn taħt siġra tal-ħarrub f'għalqa fejn semmejna jilgħab b'bomba li kienu sabu minn tal-festa. F'ħin minnhom il-bomba splodiet u l-kuġin spiċċa b'idu mċarrta minn fuq għal isfel. Jiena kont qrib nilgħab ma' xi tfal oħra u kulma niftakar huwa lill-kuġin bi driegħu miftuħ ktieb, kollu demm. L-iktar ħaġa li impressjonatni mhux it-tiċrita jew id-demm imma l-fatt li l-kuġin lanqas biss beka jew ippanikja imma baqa' kalm, għatta b'maktur il-ferita sakemm ħaduh l-isptar.

***Il-Logħob tan-Nar***

It-tfal tal-Fontana minn dejjem kienu magħrufin li kienu dilettanti tan-nar. Il-bidu ta' kollox kien ċertu raġel qsajjar u kwiet, Ninu Farruġia, li kien ġab miegħu s-sengħa tal-piroteknika minn Malta. Huwa kien imgħallem prim fit-teknika tal-ħdim tan-nar u kien jaħdem f'din is-sengħa bl-akbar ħila u preċiżjoni. It-tfal tiegħu llum komplew b'dan ix-xogħol. Niftakru ġej u sejjer bil-mixi qalb l-għelieqi ta' bejn il-Fontana u ta' Kerċem fejn kellu l-kamra tan-nar. Iktar tard fil-ġurnata ta' kuljum, tifla minn tiegħu kont naraha sejra b'qoffa bl-ikel u l-kafe' lejn ta' Sarġ, biex missierha u ħutha jkomplu l-ħidma tagħhom mingħajr ma jitilfu ħin. Il-*Fontana Brothers* kienu numru ta' żgħażagħ mill-Fontana li kienu jgħinu lil Ta' Ninu, u biż-żmien saru huma ukoll esperti f'dan ix-xogħol perikoluż. Biż-żmien dan il-grupp sar iċ-ċampjins għall-ħdim tan-nar tal-festa. Minkejja li l-Fontana kien raħal żgħir, l-ammont ta' nar li kien ikun hemm fil-festa kien ikun tassew kbir, u kienu jiġu eluf ta' nies biex isegwu l-kaxxa infernali li kellha ċertu ritmu u kwalita'. *Fontana Brothers* kien il "*brand name*" tal-Fontana. X'uħud ovvjament kienu kburin ħafna bih għax kien ifisser ħila fil-piroteknika u kuraġġ. Ħalli għalihom dawk li jagħmlu u jaħarqu n-nar kemm kellhom raġun jiċċelebraw l-bravura tagħhom jew 'ġenn' tagħhom waqt il-marċ tal-aħħar. Sfortunatament u b'dispjaċir din il-fraternità illum spiċċat għax biż-żewġ diżgrazzji li seħħew f'dawn l-aħħar sentejn, ir-raħal u Għawdex kollu tilfu l-aqwa nies li kien hawn fil-piroteknika. Il-passjoni li kellhom għan-nar kienet tant kbira li minkejja l-periklu enormi li dan ix-xogħol fih, huma xorta komplew jagħmluh sakemm in-natura qaltilhom... issa daqshekk!

Fost dawn id-dilettanti tan-nar hemm minnhom familjari tiegħi. Din tan-nar kienet xi ħaġa ġol-familja. Kelli zijiet u kuġini kemm min-naħa ta' ommi u kemm min-naħa ta' missieri li kienu jaħdmu n-nar. Minn



dawn hemm minn qal issa daqshekk u hemm min għadu jippersisti! Jiena qatt ma kont dilettant tan-nar, għajr forsi biex inħares lejh meta jkun jinħaraq. Jiena qatt ma kelli ħajra, anzi nibża' min-nar, iżda dejjem apprezzajt is-sogri li jieħdu. Dak iż-żmien ma kinux jagħmlu dan ix-xogħol għall-qligħ imma sempliċement għax kienu jħobbu lir-raħal u l-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Ftit minnhom għadhom sa' llum jagħmlu dan ix-xogħol, u meta narahom jarmaw il-ġiġġifogu niftakar meta kont żgħir u kont nażżarda noqgħod ħdejhom quddiem id-dar fejn konna noqogħdu waqt li kienu jintramaw dawk l-irdienen u s-suffarelli. Mhux l-ewwel darba li xi sufarell ħa f'idejn xi ħadd u ħarqu.

***Duttrina u l-ewwel skola***

Kien żmien meta l-ħajja kienet għadha kwieta u bħala tfal kellna iktar ħin għal-logħob. In-nofs siegħa tagħlim tad-dutrina filgħaxija u l-quddiesa ta' filgħodu kienu r-rutina ta' kuljum. Niftakar li l-lezzjoni tad-duttrina kienet issir mis-seminaristi waqt il-brejk tagħhom ta' filgħaxija. Fost dawn niftakar jiġu jgħallmuna lil ex-arċiprieti, Dun Ewkarist Sultana tax-Xagħra u Dun Anton Sultana tal-Qala. Kien hemm seminarista ieħor Malti, Dun Manwel Caruana li kien miż-Żurrieq u li wkoll sar kappillan f'Malta. Huma kienu jissagrifikaw il-mixja lejn ix-Xlendi biex jgħallmuna d-duttrina. Niftakar lill-Mons Nikol Cauchi, l-Isqof Emeritus t'Għawdex jagħmlilna xi laqgħa ukoll. Kien hemm ukoll l-Azzjoni Kattolika. Il-lezzjonijiet kienu jkunu f'maħżen żgħir li kien jinsab ftit 'il fuq mill-knisja fi Triq tal-Għajn, u kienu jsiru minn Miss Ġorġa Galea li kienet ukoll l-għalliema tiegħi fl-ewwel sena tal-iskola primarja. Peress li jiena nagħlaq snini f'Jannar, meta f'Ottubru tas-sena 1960 ġejt biex nibda l-iskola, kien għad ma kellix ħames snin u għalhekk ma stajtx nibda ma' sħabi l-iskola tar-Rabat. Ma nafx kif l-iskola tax-Xewkija kienet taċċetta tfal li ma kinux għalqu l-ħames snin u għalhekk ommi ħadet l-okkażjoni u bagħtitni ma' Miss Galea ix-Xewkija fejn kienet tgħallem u l-ewwel esperjenza tal-edukazzjoni tiegħi għaddejtha fix-Xewkija. Minn dik is-sena sibt lill-ħabib u kollega tiegħi Dr John Xuereb Dingli li bqajna ħbieb sal-ġurnata tal-lum. Waqt iż-żgħożija tagħna min jaf

kemm qattejna ħin flimkien ingawdu l-kampanja bħala mistrieħ mill-istudji li kien ikollna.

***L-Azzjoni Kattolika u l-Oratorju***

Ġorġa flimkien ma' oħtha Miss Carmen kienu l-id l-leminija tal-Kappillan u b'dedikazzjoni u impenn kienu jieħdu ħsieb l-attivitajiet kollha li jsiru fil-parroċċa. L-Azzjoni Kattolika ma tantx kienet popolari fostna s-subien. Ħafna minna konna mmorru l-Oratorju ta' Don Bosco fejn konna nsibu ħbieb u faċilitajiet fejn nilagħbu u ovvjament dak l-film nhar ta' Ħadd wara nofsinhar, li kienet xi ħaġa li konna nistennew Ħadd wara Ħadd. Dak iż-żmien il-films *western* kienu popolari u kull tifel kellu l-idolu tiegħu lil John Wayne, Robert Michum jew Jerry Cooper. Il-logħba l-iktar popolari kienet il-futbol, għalkemm konna nilagħabu ukoll table tennis u billiards ukoll. It-tim tiegħi kien jismu is-"Seven Babes" u jien kont il-*goalkeeper* tat-tim. Fil-grawnd tal-Oratorju mal-ħajt tan-naħa tal-Kunvent ta' Sant Wistin għad hemm imnaqqax l-isem tat-tim sal-ġurnata tal-lum!

***L-Għajn il-Kbira***

Forsi l-iktar post li kont infittex meta kont żgħir kien proprju l-Għajn il-Kbira fejn kont nara lin-nisa jaħslu l-ħwejjeġ wara li konna nkunu għamilna xi ġirja lejn Wied il-Lunzjata jew Wied Siekel. F'dawn l-inħawi kienet tgħix il-familja Ta' Xaħam li niftakar li kienu jagħmlu l-inbid u kellhom xi għerien li xi wħud minn sħabi kienu jbeżżgħuni li minn dawn l-għerien kienu joħorġu ħafna friefet il-lejl kbar. Jiena kont nibża' mill-friefet il-lejl u f'dawn l-għerien qatt ma dħalt. Imma kont inkun spiss ħdejn il-għajn u l-biċċerija. Fil-għajn kienu jinżlu jaħslu l-ħwejjeġ diversi nisa mill-Fontana. Dak iż-żmien ftit kienu l-familji li kellhom *washing machine*. Kien il-gost tiegħi ma' sħabi nagħmel xi vapur mill-weraq tal-Indija billi naqsmu l-werqa għal tulha minn nofs u kull nofs konna nħaffruh u nisseparaw iż-żewġ naħat permezz ta' biċċa qasba żgħira ta' xi erba' pulzieri, b'hekk il-werqa tieħu forma ta' vapur! In-nisa kienu ikunu medhijin jogħrku l-ħwejjeġ b'sapuna kbira u wara jonfduhom fl-ilma frisk u ħadif li kien joħroġ minn ġol-blat. Hawn ukoll konna naraw l-wasla tal-barrin għall-qatla. Il-barrin kienu donnhom jindunaw li kienu għall-qatla għax kienu jkunu rrabjati mhux ħażin. Kienu jkunu marbuta b'ħabel oħxon minn saqajhom u anke minn ħolqa li kienet tgħaddi minn ġo mnifsejhom. Mhux l-ewwel darba li kienu jibdew ifajru biż-żewġ u jolqtu lil xi ħadd. L-iktar li kien ikollhom bhejjem għall-qatla kienu Taċ-Ċatta. Darba minnhom barri enormi niżel irrankat mit-trakk hekk kif infetħet il-bieba, baqa' nieżel ir-rampa u bil-forza li kellu ħarab lil dawk l-irġiel li kienu jżommuh. Jiena li kont fil-qrib, twerwirt u ħsibtu ser jibqa' ġej dritt għal ġo fija bħat-toro ta' Spanja. X'ħin kont ċert li l-qrun ta' dan il-barri kienu waslu fuqi, nsib ruħi maħtuf minn idejn sodi u kbar ta' raġel twil li tela' jiġri bija taraġ li hemm qrib. Dan ir-raġel, li kien jismu Tumas ta' Majsi, kien salvali ħajti. Il-qatgħa li



kont ħadt kienet kbira tant li kont għamilt xi żmien intemtem bil-biża', u ommi kienet ħaditni għand Frenċ tal-Għarb, u domt xi xahrejn nixrob likwidu morr li kien ordnali Frenċ għal qatgħa. Ommi kienet qaltli li kien duwa tas-suffejra. Kien x'kien naħseb li għamel xi effett daqs kemm kien morr, u minn dakinnhar 'il quddiem bqajt nibża' mill-barrin daqs il-bard ta' Jannar.

***Iz-Zuntier tal-Knisja***

Il-logħob fuq iz-zuntier tal-knisja kien xi ħaġa ta' kuljum, kemm qabel u wara l-lezzjoni tad-duttrina u anke fil-vaganzi. L-iktar logħob kien noli, passju, u aħna s-subien konna nilagħbu bil-ġakkijiet. Kien hemm min kien kapaċissmu għalihom u permezz tas-saba' l-kbir kien ifajjar il-ġakk b'qawwa u preċiżjoni kbira u kemm kien jolqot ġakkijiet mit-triangolu kien jeħodhom. Dawn l-ġakkijiet kienu tal-ħġieġ u ta' lwien u disinni differenti. Kulħadd kien iġorrhom fil-but u bl-imħatra min kien ikollu l-iktar. Ftit ta' żmien ilu kont sibt numru minn dawn il-ġakkijiet ta' tfuliti, li llum ma tantx għadek tara tfal jilagħbu bihom, iżda jservu bħala dekorazzjoni attraenti f'xi važun fis-salott. Għalhekk il-mara ħadet gost bihom biex iżżejjen bihom, imma jien insibhom bħala nostalġija ta' tfuliti.

***Konklużjoni***

Veru li t-tfulija tal-bniedem tibqa' l-iktar ħaġa li wieħed jibqa' jiftakar, jgħaddi kemm jgħaddi ż-żmien, u anke forsi meta l-bniedem jibda jinsa għax taqbdu d-dimenzja, dawn iż-żminijiet jibqa' jiftakarhom! Barra minn hekk, l-għeruq tagħna jibqgħu dawk li huma, immorru kemm immorru 'l bogħod. Xi kultant niltaqa' ma' xi wħud minn dawk ta' żmien ċkuniti meta jkunu hawn għal xi vaganza mis-safar. Il-memorji u l-istejjer jibdew ħerġin, u nibku dak iż-żmien fejn il-ħajja kienet sempliċi u iktar trankwilla. X'differenza mit-tfal tallum! Bis-saħħa tal-progress tilfu dak li lilna kien jagħmilna ferm aktar kuntenti minnhom. Bix-xejn konna nifirħu u nilagħbu. Illum għandhom minn kollox, u donnhom ma jafu jikkuntentaw ruħhom b'xejn.